MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1226/2004

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Auto Trader Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1243.45) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta in kwantu ghal Lm102.81 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9944 6898, ijn kwantu ghal Lm67.98 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9948 4448, in kwantu ghal Lm897.66 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9942 5855, u in kwantu ghar-rimanenti Lm175 in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 9943 6962.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sal-pagament effettiv.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u tlieta u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1243.45), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma'l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------